MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 354/2004

**Emanuel ŻAMMIT**

**vs**

**Anton BONDIN, Carmel Bondin, Mario Bondin, Robert Bondin, Joseph Bondin, Terese-Anne Camilleri u Mildred Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-18 ta' Mejju, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attur talab li l-Qorti taqtagħha li l-imħarrkin, jew min minnhom, wettqu għamil ta' spoll bi ħsara għalih billi qaċċtu kanna tal-ilma u qatgħulu l-provvista għar-razzett u *garages* mikrijin lilu, u billi waqqgħu ċint li jifred ir-razzett minn barriera, u għamlu xogħlijiet oħra li xekklu d-dħul għar-razzett tiegħu; u li l-Qorti tordna lill-imħarrkin biex jagħmlu kollox kif kien qabel, bi spejjeż tagħhom, u fiż-żmien mogħti lilhom; u, f'każ li l-imħarrkin jonqsu milli jagħmlu dak lilhom ordnat, li

huwa jkun awtorizżat li jagħmel kulma huwa meħtieġ bi spejjeż għall-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2004, li bih ordnat lill-attur jirregola ruħu dwar it-tressiq tal-provi;

Rat in-Nota tal-attur tal-1 ta' Novembru, 2004[1], bix-xhieda tiegħu bl-affidavit u bid-dokumenti u ritratti mehmuża;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Novembru, 2004, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin bl-atti tal-kawża u tat ukoll direttivi dwar kif l-imħarrkin kellhom jirregolaw it-tressiq tal-provi tagħhom;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-30 ta' Diċembru, 2004, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalu li l-Qorti jmissha żżomm is-smigħ tal-kawża sakemm tinqata' kawża oħra bejn l-istess partijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati[2] li tolqot l-istess ġid, u li tordna li l-atti ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni li ressaq l-attur (imma liema talba kienet miċħuda) jiddaħħlu fl-atti tal-kawża. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li mhux minnu li l-attur għandu l-pussess tar-razzett u l-ġid imsemmi, u lanqas huwa minnu li huwa ġarrab spoll, u dan għaliex ir-razzett kien qiegħed iżommu b'sempliċi tolleranza min-naħa tagħhom sakemm jitolbuhulu lura, u dwar il-kanen tal-ilma li din tneħħiet biex ma ssirilhiex ħsara bl-inġenji li jridu jidħlu għall-barriera ta' biswit li hija tagħhom u li għadha titħaddem u biex ix-xogħol fil-barriera ma jkunx miftuħ għall-perikolu maħluq mill-ilma. Jiċħdu li waqqgħu xi ħitan;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali kollha mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju l-Avukat Maria Dolores Gauċi fis-seduti li hija żammet fl-istadju tal-kawża qabel is-smigħ (*pretrial*);

Rat il-verbal tas-seduta quddiem l-Assistent Ġudizzjarju tal-14 ta' Marzu, 2005[3], li bih, l-imħarrkin irtiraw l-ewwel

---

[1] Paġġ. 10 sa 16 tal-proċess
[2] Avviż Nru. 711/04MM (li jinsab imħolli għas-smigħ għat-tressiq tal-provi tal-atturi għad-9.10.2006)
[3] Paġ. 37 tal-proċess

eċċezzjoni tagħhom, filwaqt li l-partijiet qablu fuq il-ħatra ta' Perit Tekniku arkitett[4];

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Jannar, 2006, li bih ordnat li l-kawża titqiegħed għas-smigħ għat-22 ta' Frar, 2006[5];

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Frar, 2006, li bih u fuq talba tal-avukati tal-paritijiet, tat żmien biex jitressqu Noti ta' Sottomissjonijiet;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur fis-27 ta' Marzu, 2006[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin fis-17 ta' April, 2006[7], bi tweġiba għal dik tal-attur;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' April, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' spoll privileġġat. L-attur jgħid li huwa jżomm b'kera razzett u *garages* li jinsabu fil-qalba ta' barriera attiva mħaddma mill-imħarrkin. Jgħid li, ftit taż-żmien qabel, kien intalab biex joħroġ minn dak il-ġid u għalkemm kien qabel li joħroġ imbasta jingħata kumpens, ma sarx ftehim dwar l-ammont tal-kumpens. Huwa jgħid li lejn il-bidu ta' April tal-2004, saru l-għemejjel li huwa jilminta minnhom u li jnaqqsulu l-pussess u t-tgawdija minnu tal-imsemmi razzett u *garages*. Irid li l-imħarrkin ireġġgħu kollox lura għal li kien;

---

[4] Il-partijiet qatt ma ressqu talba formali għall-ħatra tal-perit, imma ressqu xhieda mogħtija quddiemu fi proċeduri kriminali dwar l-istess ġrajjiet, fejn il-Qorti tal-Maġistrati kienet ħatritu biex jirrelata.
[5] Paġ. 64 tal-proċess
[6] Paġġ. 68 sa 72 tal-proċess
[7] Paġġ. 74 sa 83 tal-proċess

Illi l-imħarrkin jilqgħu għal din l-azzjoni billi jgħidu li l-attur kien qed iżomm ir-razzett bil-bona grazzja tagħhom u li huma ma għamlu xejn li bih setgħu naqqsulu l-pussess;

Illi, mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-imħarrkin iħaddmu l-barriera numru sebgħa u għoxrin (27) li tinsab fil-qasam magħruf bħala "Tal-Isqof", fil-limiti tal-Imqabba. F'nofs dik il-barriera hemm mibni r-razzett u żewġ remissi li l-attur jgħid li qegħdin għandu bi qbiela flimkien mar-raba' ta' madwarhom. Il-qbiela kien għadda fuqu mingħand missieru Joseph Żammit li miet fl-1987. F'April tal-2004, Mario Bondin u Anton Bondin, ressqu talba quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'[8] biex iħallihom jieħdu lura f'idejhom l-imsemmi raba' u razzett mingħand l-attur. Huma ċedew l-atti b'Nota fl-14 ta' Diċembru, 2004[9]. Matul l-ewwel xhur tal-2004, l-imħarrek Anton Bondin kellem lill-attur biex jiftehmu ħalli l-attur joħroġ mir-razzett u jingħata kumpens. L-attur qabbad perit jagħmillu stima. Talab ammont imma l-imħarrek rah għoli wisq. Fil-bidu ta' April, 2004, l-attur mar sar-razzett u ra li l-kanna tal-ilma li tagħlef ir-razzett kienet imqaċċta u r-razzett kien mingħajr provvista ta' ilma. Ra wkoll li kien twaqqa' ċint li jifred il-barriera mir-razzett u ntmess it-terrapien li jservi ta' mogħdija għar-razzett. F'Mejju tal-2004 infetħet il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ jidher li tnejn huma l-aspetti ewlenin li jeħtieġ jiġu mistħarrġa: l-ewwel hija l-kwestjoni tas-sura ta' żamma li l-attur għandu fuq ir-razzett u l-garaxxijiet u t-tieni hija l-kwestjoni dwar jekk l-attur tneħħiex mill-pussess b'dak li sar. Ta' min jgħid li, matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, wħud mill-għemejjel li l-attur ilmenta minnhom treġġgħu lura bħal qabel;

Illi l-azzjoni mibdija mill-attur hija dik possessorja magħrufa bħala l-Azzjoni ta' Spoll, u li hija msemmija fl-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, għal liema azzjoni japplika wkoll l-artikolu 791 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-azzjoni hija waħda minn erba' azzjonijiet possessorji li l-

---

[8] Rik. Nru. 6/2004JC, f'paġ. 48 tal-proċess
[9] Paġ. 50 tal-proċess

Kodiċi Ċivili tagħna jagħraf li jistgħu jittieħdu għall-ħarsien tal-pussess;

Illi hija fin-natura tal-azzjoni tal-ispoll li l-Qorti tqis biss il-kwestjonijiet intimament marbutin magħha, mingħajr ma tindaħal f'dawk marbutin mat-titolu vantat mill-partijiet u li jagħmel sehem mill-istħarriġ ta' aspetti petitorji. Din il-preċiżazzjoni trid issir tabilfors minħabba li l-eċċezzjonijiet ewlenin fil-mertu tal-imħarrkin iridu li l-attur jipprova t-titolu tiegħu (li huma jiċħdu li għandu) u minħabba li jqanqlu l-kwestjoni li ż-żamma min-naħa tal-attur hija waħda b'sempliċi bona grazzja;

Illi huwa stabilit li l-azzjoni ta' spoll hija msejsa fuq l-ordni pubbliku u hija maħsuba bħala azzjoni mħaffa u effikaċi biex ma tħalli 'l ħadd li jieħu l-liġi b'idejh u jxekkel stat ta' fatt, u biex, jekk dan isir, min ikun għamel dan l-att jerġa' jqiegħed kollox minnufih kif kien, qabel kull indaġni oħra[10] (*spoliatus ante omnia restituendus*). F'din l-azzjoni huwa meħtieġ jiġu ippruvati tliet (3) elementi, u jiġifieri (a) il-pussess; (b) it-teħid tiegħu b'għamil tal-imħarrek u (ċ) li l-azzjoni nbdiet fi żmien xahrejn minn dak it-teħid;

Illi dwar <u>l-ewwel element</u>, huwa meħtieġ li jintwera li, fil-waqt li sar l-għamil ilmentat, l-attur kien fil-pussess imqar materjali jew ta' fatt[11]. Minbarra dan, il-pussess ma għandux ikun ekwivoku imma fid-dieher, ukoll jekk ikun għal waqt qasir[12], u l-Qorti għandha tillimita ruħha biss biex tqis il-fatt tal-pussess[13] u dak tal-ispoll[14]. Mhux meħtieġ li l-pussess li jista' jitħares minn azzjoni bħal din ikun wieħed esklussiv[15]. Huwa magħruf ukoll li din l-azzjoni tħares il-pussess ta' eżerċizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-każ fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd maħluq minn stat ta' fatt[16];

---

[10] Ara App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cardona vs Tabone et*** (mhux pubblikata)
[11] App.: **26.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vassallo Gatt noe vs J. Camilleri pro et noe*** (Kollez. Vol.: **LXXX.ii.306**)
[12] P.A. : **21.2.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***G.M. Tonna vs G.M. Tonna***
[13] App.: **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Aquilina noe et vs L. Debono*** (Kollez. Vol:**LXXXII.ii.1217**)
[14] P.A. **12.6.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Ċilia et vs L. Camilleri et*** (mhux pubblikata);
[15] P.A.: **21.1.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Pisani et vs V. Farruġia*** (mhux pubblikata);
[16] App. Ċiv. **2.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.319**)

Illi l-iżjed ħaġa rilevanti għall-finijiet tal-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum hu li wieħed jista' jitkellem dwar pussess tutelabbli wkoll fejn tali eżerċizzju ta' jedd ma jkunx imnissel minn titolu, li n-nuqqas tiegħu m'huwiex ta' xkiel għall-eżerċizzju tar-*remedium spolii*[17];

Illi, għalhekk, l-imħarrkin ma għandhomx raġun isejsu parti mid-difiża tagħhom għall-azzjoni attriċi billi jippretendu li l-attur jipprova t-titolu tiegħu ta' qbiela għar-razzett, ir-raba' u l-*garages* in kwestjoni. Din hija pretensjoni li m'hemmx postha f'kawża pussessorja bħal din, u jidher (għalkemm ma ngħata l-ebda tagħrif siewi f'din il-kawża) li bejn il-partijiet għaddejja kawża oħra dwar il-kwestjoni tat-titolu tal-attur quddiem il-Qorti li għandha kompetenza tistħarreġ tali kwestjoni;

Illi l-imħarrkin iqanqlu wkoll il-kwestjoni li ż-żamma tal-attur tar-razzett, ir-raba' u r-remissi hija biss waħda bil-bona grazzja tagħhom, jiġifieri żamma prekarja jew b'tolleranza. Hija biss dwar għamla ta' żamma bħal din li l-azzjoni tal-ispoll ma tagħtix il-protezzjoni tagħha[18], u dan minħabba li l-liġi nnifisha[19] tagħmilha ċara li żamma b'sempliċi tolleranza ma tiswiex biex wieħed jikseb il-pussess;

Illi, iżda, allegazzjoni bħal din trid tiġi ippruvata minn min jallegaha imqar fuq bażi *prima facie*[20]. Ghalhekk, jekk kemm-il darba t-tolleranza ma toħroġx mad-daqqa t'għajn, u għalhekk tkun eskluża, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' jedd ta' azzjoni ta' spoll imsejsa fuqha ma tibqax aktar ammissibbli[21]. Wieħed ma jridx jinsa li dan l-istħarriġ irid isir dejjem fil-qafas tal-indaġni "*limitatissima, rigoruża u skarna*"[22] li l-azzjoni ta' spoll iġġib magħha. Huma meqjusin bħala atti ta' sempliċi tolleranza dawk imnissla "*nei rapporti di buon vicinato in grazia dei quali si permetta o si tollerache altri faccia sulla cosa che ci*

[17] App. Ċiv. **21.4.1947** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Sammut*** (Kollez. Vol: **XXXIII.i.55)**
[18] App. Ċiv. **12.3.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Dalli*** (Kollez. Vol: **LXVII.ii.127**)
[19] Art. 526 tal-Kap 16
[20] P.A. **27.5.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **XLIV.ii.608)**
[21] App. Ċiv. **28.3.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Galea*** (Kollez. Vol: **XLI.i.245**)
[22] App. Ċiv. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***George Falzon vs Joseph u Maryanne konjuġi Camilleri*** (mhix pubblikata)

*appartiene cio' che non avrebbe diritto alcuno di farvi*"[23]. Fi kliem ieħor, jitqies li tkun żamma b'sempliċi tolleranza dik fejn il-ħaġa tkun miżmuma b'sempliċi korteżija jew fejn ħaddieħor ikun jista' jirtiraha x'ħin irid[24]. B'żieda ma' dan kollu, jingħad ukoll li l-għemejjel ta' sempliċi tolleranza għandhom xejra ta' transitorjeta' u saltwarjeta'[25] Dan qiegħed jingħad minbarra li f'azzjoni ta' pussess privileġġjat bħalma hija l-Azzjoni tal-Ispoll, il-kwestjoni tat-tolleranza tal-pussess m'għandhiex normalment tiġi meqjusa[26];

Illi l-imħarrkin jallegaw li l-attur tħalla jżomm ir-razzett bħala konċessjoni min-naħa tagħhom, biex meta jkunu jridu r-razzett lura f'idejhom kemm jaqbdu u jitolbuhulu. Huma jiġġustifikaw din il-fehma tagħhom billi jgħidu li lill-attur ma żammewlux kera wara li l-ġid għadda f'idejh mingħand missieru (li kien il-gabillott magħruf mis-sidien ta' qabel). Min-naħa tiegħu, l-attur jgħid li kien joffri l-kera, imma l-imħarrek Anton Bondin kien jgħidlu li ma jridx iżommlu kera. L-imħarrkin jgħidu wkoll li din iż-żamma b'tolleranza toħroġ mill-fatt (imsemmi biss fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tagħhom[27], imma mhux mod ieħor pruvata) li oħt l-attur tiġi t-tieni mara tat-tieni raġel ta' omm l-imħarrkin. Huma jisiltu minn din iċ-ċirkostanza l-element li, skond huma, joħloq ir-raġuni għaliex l-attur, wara missieru, tħalla jżomm ir-razzett u r-remissi mertu tal-każ. Fid-dikjarazzjoni mehmuża man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom, isemmu[28] wkoll il-fatt li, għal xi żmien, l-attur kien jaħdem fl-istess barriera, u bħallikieku, dan il-fatt għandu jservi biex l-attur jibqa' jħares b'lejalta' lejn il-post li minnu qala' ħobżu;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-imħarrkin ma seħħilhomx jissoddisfaw il-pretensjoni tagħhom f'dan ir-rigward, u dan għaliex jidher li l-pussess li għandu l-attur huwa wieħed tutelabbli li l-azzjoni ta' spoll innifisha trid tħares. Din il-fehma toħroġ minħabba li l-imħarrkin ma ressqux provi

---

[23] Ricci, Corso di Diritto Civile (Vol V, pag. 73)
[24] App. Ċiv. **2.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Carabott*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.315)**
[25] App. Inf. **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Cuschieri et vs Anġlu Ċilia***
[26] App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech et vs Bonanno et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.934**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[27] Paġġ. 77 tal-proċess
[28] Paġ. 25 tal-proċess

tajbin biżżejjed (imqar fuq bażi *prima facie*) biex juru li l-attur tħalla jżomm dak il-ġid b'sempliċi tolleranza, minkejja l-grad ta' qrubija li tista' teżisti bejnu u huma. L-aktar li jiġġieled kontra din il-pożizzjoni tal-imħarrkin huwa l-fatt li huma stess kienu fetħu kawża (ftit jiem wara l-għamil li minnu jilminta l-attur) fejn allegaw li l-attur kien jikri r-razzett u r-raba'. Dik il-pożizzjoni hija għal kollox inkompatibbli mal-eċċezzjoni tad-detenzjoni b'sempliċi tolleranza, ukoll jekk l-imħarrkin ċedew dik il-kawża u issa qegħdin jgħidu li huma kienu fetħuha "a bażi ta' nuqqas ta' komprensjoni"[29];

Illi lanqas ma jiswa jingħad li l-attur xorta waħda għadu jista' jidħol b'mod ieħor għall-parti tiegħu tal-għalqa, għaliex huwa magħruf li l-ispoll jimmaterjalizza wkoll meta jkun hemm imqar ċaħda parzjali ta' pussess[30];

Illi din il-Qorti tqis li jekk għandu jingħata tifsir sewwa tal-azzjoni possessorja tal-ispoll maħsuba fl-artikolu 535, din għandha tiġi mfissra kif riedha l-leġislatur. Kien għalhekk li dak l-artikolu suppost jinqara flimkien mal-imsemmi artikolu 791 tal-Kap 12, li jillimita l-għamla ta' eċċezzjonijiet li jistgħu jittellgħu kontra l-attur għal dawk strettament ta' natura dilatorja[31]. B'mod partikolari, għall-azzjoni ta' spoll, l-imħarrek ma jistax iwieġeb jew jilqa' billi jgħid li l-att tiegħu kien wieħed leġittimu, għaliex dik id-difiża tappartieni lill-ġudizzju petitorju[32]. Għaldaqstant ukoll, il-mottiv li jkun ġiegħel jew anima lill-imħarrek biex iwettaq l-għamil li jnaqqas il-pussess ma jiswa xejn biex itaffi jew ixejjen is-sanzjoni li l-azzjoni ta' spoll iġġib magħha[33], jiġifieri dik li l-persuna mneħħija mill-pussess għandha titqiegħed lura f'dak il-pussess sħiħ u bla mittiefes qabel kull ħaġa oħra (*spoliatus ante omnia restituendus*)[34]. Għalhekk, kull sottomissjoni tal-imħarrkin fis-sens li x-xogħol tal-barriera jikkostitwixxi l-għajxien tagħhom u l-familji dipendenti minnhom, u li dak li sar

---

[29] Paġ. 78 tal-proċess
[30] P.A. **16.1.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Cutajar vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii..666**)
[31] App. Ċiv. **2.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.319**)
[32] P.A. **4.2.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia vs Schembri et*** (Kollez Vol: **XLII.ii.900**)
[33] App. Ċiv. **9.3.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***C. Cardona vs F. Tabone et***, fuq imsemmija
[34] Ara P.A. NA **15.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Attard vs Francis Attard***

huwa fażi meħtieġa fit-tħaddim tal-barriera ma jista' qatt ikun rilevanti u ġustifikabbli f'azzjoni bħal din;

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, din il-Qorti ssib li ma tistax taqbel mal-imħarrkin meta jeċepixxu li kien jonqos fl-attur l-element tal-pussess li jsejjes l-azzjoni tiegħu;

Illi, dwar it-tieni element, huwa meħtieġ li jintwera li l-għamil spoljattiv ikun wieħed arbitrarju u magħmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jagħti lok għal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu[35]. Huwa wkoll maħsub li l-għamil irid ikun wieħed vjolenti jew imqar mistur għall-għarfien tal-persuna li kellha l-pussess[36];

Illi, ġie mfisser ukoll li l-kliem "*vis aut clam*" li jirradikaw dan l-element tal-azzjoni, mhux tabilfors jissarraf f'għamil ta' tkissir jew qerda ta' oġġett miżmum mill-attur jew li fih huwa jġarrab xi ħsara fiżika, għaliex huwa biżżejjed li l-għamil spoljattiv isir kontra r-rieda tiegħu jew mingħajr ma jitħalla jintebaħ bih[37]. Kemm hu hekk, għar-rigward ta' dan l-element tal-ispoll, għalkemm jista' jkun minnu li x-xogħol magħmul mill-imħarrkin, jew min-nies imqabbdin minnhom, ma sarx fis-satra tal-lejl, jibqa' xorta waħda l-fatt li sar kontra r-rieda tal-attur u b'forza li titqies vjolenti kontra dik ir-rieda;
Illi l-imħarrkin jistqarru li kienu huma li messew il-kanna tal-ilma[38] u qaċċtuha, bħalma huma wkoll jistqarru li neħħew xi terrapien[39] u baxxew ir-rampa[40] biex seta' jitkompla t-tqattigħ ta' materjal fil-barriera tagħhom. Ladarba l-atti tal-kawża tressqu minnhom f'isimhom ilkoll, bla ma jintgħaraf min minnhom kellu sehem dirett jew personali f'dak li ġara, jiġi li huma assumew responsabbilta' kollettiva għal dawk l-għemejjel;

Illi f'dan il-każ, l-attur jilminta minn tliet ħwejjeġ li huwa jgħid li l-imħarrkin wettqu u li bihom tneħħielu jew

[35] P.A. **30.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Vella pro et noe. vs S. Micallef*** (Kollez. Vol: **LXXV.iii.695**)
[36] App. Ċiv. **9.1.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***A. Mizzi noe vs R. Clark noe***
[37] App. Ċiv. **20.1.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Desira vs Lungaro*** (Kollez. Vol: **XLV.i.19**)
[38] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, f'paġ. 81 tal-proċess
[39] *Ibid.* f'paġ. 82
[40] Dikjarazzjoni tal-imħarrkin, f'paġ. 25 tal-proċess

tnaqqaslu l-pussess jew it-tgawdija li kellu qabel April tal-2004[41]. L-ewwelnett, huwa jgħid li tqaċċtet il-kanna tal-ilma u twaqqfitlu l-provvista tal-ilma fir-razzett. L-imħarrkin jistqarru li kienu huma li neħħew il-kanna, imma jgħidu li dan għamluh biex ma ssirilhiex ħsara u biex jitneħħa l-periklu ta' xokk elettriku minħabba l-ilma fit-twettiq ta' xogħol ta' qtugħ ta' materjal mill-barriera. Iżidu jgħidu, madankollu, li ftit taż-żmien wara, reġgħu għaddewha minn banda oħra u reġgħu ipprovdew l-ilma għar-razzett f'idejn l-attur. L-attur jikkonferma li, matul iż-żmien tas-smigħ tal-kawża, ġara hekk tassew[42]. Apparti l-fatt li, minħabba f'hekk, jidher li l-mertu ta' dan l-ilment issa ġie eżawrit fil-mori tal-kawża, irid jingħad li dak l-għamil waħdu kien jikkostitwixxi tneħħija ta' pussess kif maħsub fl-Azzjoni ta' Spoll. Dan il-fatt waħdu u magħdud miegħu l-fatt li, sa dak inhar li nfetħet il-kawża, ma jidhirx li l-provvista tal-ilma kienet ingħatat lura, jikkostitwixxi element tajjeb biżżejjed biex jista' jingħad li t-tieni element tal-azzjoni ġie ippruvat kif imiss mill-attur;

Illi l-attur jilminta wkoll minn twaqqigħ ta' ċint jew ħajt li kien jifred ir-razzett mill-barriera. Fis-sewwa, mill-provi mressqa, ma ntweriex lill-Qorti x'għamla ta' pussess l-attur kellu fuq tali ċint. La jsemmi xejn fix-xhieda tiegħu u lanqas ifisser kif – jekk tassew kien hemm xi ċint kif jallega hu – t-tneħħija tiegħu tista' b'xi mod tissarraf f'teħid ta' pussess jew tnaqqis ta' tgawdija. Dan l-ilment għalhekk, ma jirriżultax mistħoqq;

Illi fit-tielet lok, l-attur jgħid li tneħħa xi terrapien b'mod li l-aċċess għar-remissi tiegħu u għar-razzett ixxekkel u sar iżjed skabruż, u wkoll li parti mill-bini (taraġ fuq barra) beda jħoss. L-attur ressaq provi biex juru d-differenza bejn kif kienu l-inħawi qabel ma saru x-xogħlijiet attakkati u kif inhi l-qagħda llum. Jidher li l-mogħdija mtarrfa tat-terrapien li issa hemm biex twassal għar-remissi u r-razzett djaqet. Madankollu, meta xehed fil-kontro-eżami tiegħu[43], stqarr li huwa għadu jista' jidħol għar-razzett wkoll b'vettura, u li l-imħarrkin qatt ma żammewh milli

[41] Ara par 8 tan-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu, f'paġ. 70 tal-proċess
[42] Dok "AH1", f'paġ. 41 tal-proċess
[43] Xhieda tiegħu 28.6.2005, f'paġġ. 55-8 tal-proċess

jibqa' jidħol fl-ambjenti li għandu f'idejh. Huwa jilminta mill-fatt li tali aċċess sar aktar perikoluż, u dan ukoll meta tagħmel ix-xita;

Illi f'dan ir-rigward il-Qorti jidhrilha li għandha tagħmel żewġ osservazzjonijiet. Ma jistax ikun li x-xogħol ta' tneħħija ta' terrapien li l-attur jilminta minnu sar kollu f'daqqa u fil-jiem ta' April ta' qabel ma nfetħet il-kawża. Għall-anqas, ir-ritratti esebiti minnu juru li l-bidla fl-inħawi kienet ilha għaddejja ċertu tul ta' żmien. Minbarra dan, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li r-razzett, ir-remissi u l-ftit raba' li kien għad fadal jinsabu f'nofs ta' barriera attiva li naqqret madwar l-imsemmija stabili. B'żieda ma' dan, għalkemm l-aċċess għar-razzett huwa naturalment meħtieġ għall-attur, ma jirriżultax li, bix-xogħol li sar, spiċċa jew tnaqqas. Jekk l-attur kien jidħol għar-razzett b'vettura għadu jista' jidħol b'vettura. Il-pussess tar-razzett ma ġiex mittiefes lanqas. Jekk bit-tneħħija ta' terrapien il-bini beda jħoss, dan x'aktarx huwa l-effett tal-fatt li r-razzett u r-remissi huma mibnija fuq it-terrapien fil-qalba ta' barriera attiva fejn huwa mistenni li jitneħħa l-materjal. Dan ma jfissirx li b'daqshekk l-imħarrkin għandhom il-jedd li jġarrfu l-proprjeta' f'idejn l-attur jew li l-Qorti qegħda tagħtihom il-barka tagħha biex jibqgħu sejrin b'din ir-rankatura, imma l-eżerċizzju li qiegħed isir f'din il-kawża huwa dak li jiġi mistħarreġ it-teħid tal-pussess. Tali teħid, minn dan l-aspett, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, ma joħroġx;

Illi fid-dawl ta'dawn il-kunsiderazzjonijiet, jirriżulta lill-Qorti li t-tieni element tal-azzjoni pussessorja kien jeżisti biżżejjed u huwa pruvat, għalkemm illum il-ġurnata huwa eżawrit fejn tali għamil kien jikkostitwixxi aġir ta' spoll;

Illi <u>dwar it-tielet element</u>, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eċċezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileġġat saret barra żmienha

taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[44];

Illi dwar il-kwestjoni taż-żmien li fiha jmissha ssir il-kawża għandu jingħad li tinqala' l-problema dwar minn meta għandu jibda jintgħadd it-terminu ta' xahrejn li tiffissa l-liġi. Dan jinħoloq b'mod partikolari meta l-għamil spoljattiv ikun sar minn wara dahar il-persuna li kellha l-pussess. Kien hemm każijiet fejn il-qrati għamlu distinzjoni bejn meta l-għamil ta' spoll ikun wieħed li sar darba u fejn l-għamil ikun att li jippersisti, u għalhekk inħoloq il-ħsieb li l-azzjoni tibda jew minn meta l-persuna li tteħdilha l-pussess intebhet bl-ispoll jew meta l-att persistenti ntemm[45]. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, qari xieraq taż-żewġ artikoli tal-liġi li jitkellmu dwar l-azzjoni privileġġata tal-ispoll (l-artikolu 791 tal-Kap 12 u l-artikolu 535 tal-Kap 16) ma jħallux għażla għal dik li għandha tkun it-tifsira xierqa li jmissha tingħata dwar minn meta għandu jintgħadd iż-żmien ta' xahrejn: dan għandu jibda jitqies minn dak inhar tal-ispoll[46];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, dan l-element m'hemmx dubju li huwa mwettaq, għaliex il-kawża nfetħet inqas minn xahrejn wara li sar l-għamil attakkat. L-imħarrkin lanqas qanqlu xi kontestazzjoni dwar dan, imma, għall-kuntrarju, jaqblu li l-kawża nfetħet fi żmien utli[47];

Illi biex isseħħ l-azzjoni tal-ispoll huwa meħtieġ ukoll li t-tliet elementi msemmija hawn ikunu kollha pruvati li jesistu, b'mod illi jekk jinstab, per eżempju, li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni fiż-żmien ta' xahrejn, l-azzjoni taqa' minħabba n-nuqqas ta' wieħed mill-elementi meħtieġa mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistħarreġ jekk jikkonkorrux l-elementi l-oħrajn tal-pussess u tal-għamil li bih il-pussess ikun ittieħed;

Illi minn dak li joħroġ mill-atti tal-kawża, għalhekk, jidher li t-tliet elementi meħtieġa biex tirnexxi l-kawża kienu jeżistu

---

[44] App. Ċiv. **18.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***N. Vassallo vs F. Esposito*** (mhux pubblikata)
[45] P.A. **19.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Attard*** (mhux pubblikata)
[46] App. Ċiv. **4.12.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. F.X. Vassallo noe vs J. Baldacchino et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.1354**)
[47] Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, f'paġ. 75 tal-proċess

meta l-kawża nfetħet. Ġara, iżda, li f'parti mill-mertu, l-imħarrkin reġgħu qegħdu lill-attur fil-pussess sħiħ matul iż-żmien li l-kawża kienet qegħda tinstama' filwaqt li jirriżulta li lmenti oħrajn tal-attur ma kinux jammontaw għal spoll kontrih. Minħabba f'hekk, it-talbiet attriċi li jitolbu l-kundanna tal-imħarrkin biex ireġġgħu kollox għal li kien jinsabu eżawriti, imma l-imħarrkin xorta jridu jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża li kellha tinfetaħ kontra tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrkin, jew min minnhom, ikkommettew għamil ta' spoll bi ħsara għall-attur meta qaċċtu l-kanna tal-ilma li tipprovdi l-ilma għar-razzett u r-remissi miżmumin minnu fil-barriera numru sebgħa u għoxrin (27) li tinsab fil-qasam "Tal-Isqof", fil-limiti tal-Imqabba, għall-ħabta tal-bidu ta' April tal-2004;

**Tastjeni milli tipprovdi dwar it-tieni talba** billi, matul iż-żmien li l-kawża kienet qegħda tinstama', l-attur reġa' ngħata l-provvista tal-ilma għar-razzett b'xogħlijiet li saru mill-imħarrkin, jew min minnhom;

**Tastjeni wkoll milli tipprovdi dwar it-tielet talba** u dan minħabba li l-attur reġa' ngħata l-pussess li kien itteħidlu;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** fil-mertu tal-imħarrkin bħala infondati fil-fatt u fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien bejniethom, iħallsu **l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------